Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 43/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Caruana)**
**(Spt. F. Micallef)**
**Vs**
**Richard (sive Rachela) Spiteri**
**Natal Bonello**

## DIGRIET

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-appellanti tal-lum 30 ta' Settembru, 2008 fejn talbu li din il-Qorti joghgobha taghtihom rimedju ordinarju w tiggarantilhom id-drittijiet fundamentali taghhom ta' smiegh xieraq li jinkludi d-dritt ghal appell effettiv quddiemha, w dana billi joghgobha tissosspendi l-prolazzjoni tas-sentenza li kellha taghti dal-ghodu dwar in-nullita' fir-rikors tal-appell u minflok tiddikjara li ser tghaddi biex tiddecidi l-appell tar-rikorrenti fuq il-mertu. Altrimenti

jekk din il-Qorti ma tilqax din it-talba, l-appellanti talbu lill-Qorti sabiex xorta wahda tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza taghha w tikkoncedilhom zmien ragonevoli sabiex jifthu kawza kostituzzjonali quddiem il-Prim Awla biex irresqu l-ilment ta' ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom u cioe' ta' nuqqas ta' smiegh xieraq u nuqqas ta' access ghal Qrati minn dina l-Qorti, kawza ta' dikjarazzjoni/applikazzjoni ta' nuqqas ta' formalita' fir-rikors ta' appell taghhom li skond din il-Qorti, tirrendi l-appelli nulli u dana dejjem jekk din il-Qorti jidhrilha li dan huwa xieraq u opportun;

Rat id-digriet taghha tal-lum stess li bih ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-Avukat Generali;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni w id-difiza fuq dan ir-rikors;

Ikkonsidrat

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti trid tippreciza li kienet semghet it-trattazzjoni tal-appelli taz-zewg rikorrenti dwar il-mertu tal-appell u kien biss meta giet biex tikteb is-sentenza li ntebhet b'xi imprecizjonijiet fir-rikorsi tal-appell kemm fil-premessi kif ukoll fit-talbiet maghmula miz-zewg appellanti li huma identici, partikolarment fil-fatt li minflok intalbet ir-riforma tas-sentenza appellata intalab, fil-kliem testwali taz-zewg rikorsi, li din il-Qorti :-

"…***<u>tirrevoka</u>*** *s-sentenza appellata fl-<u>interier</u> [recte: intier] <u>taghha</u> u tiddikjara li l-appellant mhux hati….."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

u dana meta fis-sentenza appellata z-zewg appellanti kienu gew liberati mill-addebiti tar-recidiva w fil-kaz tal-appellant Bonello minn dak li kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 kif ukoll illi l-appellant Natale Bonello ma nstabx hati tal-akkuza ta' serq imma ta' komplicita' fis-serq.

Konsapevoli mill-implikazzjonijiet legali ta' dan u biex il-Qorti ma tissorprendix lill-partijiet, peress li dan il-punt ma

giex trattat minnhom fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell, din il-Qorti kienet irrikjamat il-kawza ghall-udjenza tas-17 ta' Settembru, 2008, biex il-partijiet ikollhom l-opportunita' jittrattaw dan il-punt. Dan pero' ma setax isir dak inhar ghax l-appellanti ma kienux assistiti mid-difensur taghhom Dr. Lynn Zahra w ghalhekk il-kawza giet differita ghall-udjenza tad-29 ta' Settembru, 2008 fil-11.00 a.m. meta l-partijiet debitament ittrattaw il-punt sollevat minn din il-Qorti.

Illi jigi precizat li din il-Qorti ssollevat id-diffikulta' li minflok riforma tas-sentenza intalbet ir-revoka intiera taghha meta c-cirkostanzi setghu kienu jindikaw li kellu jsir xort'ohra in vista tal-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti.

Illi pero' bir-rikors odjern l-appellanti issa qed jimpostaw il-kwistjoni f'termini kostituzzjonali fis-sens li jekk din il-Qorti fid-decizzjoni eventwali taghha, minflok tiddeciedi fuq il-mertu tal-appelli, tiddeciedi li l-appelli huma nulli, jkun qed jigi lez id-dritt fundamentali taghhom ghall-smiegh xieraq.

In sostenn ghat-talbiet taghhom, l-appellanti iccitaw gurisprudenza tal-Qorti Ewropea fil-kazijiet **"Escolano vs Spain** (Jan. 2000) u **Perez de Rada Cavanilles vs Spain** (1998).

Ikkonsidrat

Mill-banda l-ohra pero' l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha **"Emanuel Gauci vs. L-Avukat Generali"** [26.5.2006] – irriteniet li fil-kaz tal-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali n-nullita' hija espressa fil-ligi meta jkun hemm nieqsa l-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet tal-appell jew it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri – rekwiziti dawn li huma kjarament mehtiega ghall-andament ordnat tal-proceduri fil-kaz li jkun, u li huma ghalhekk konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Inoltre l-istess principju gie ribadit minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim' Imhallef V.De Gaetano

fis-sentenza **“Il-Pulizija vs. Lewis Muscat”** [31.8.2006] fejn intqal:-

*“….article 419 of the Criminal Code provides, with regard to applications of appeal like the one under examination, that “…the application shall, under pain of nullity, contain (a) a brief statement of the facts, (b) the grounds of the appeal; and (c) a demand that the judgment of the inferior court be reversed or varied” (emphasis added). It is also true that this provision is a special provision, providing for the nullity of the judicial act, in the event of any omission mentioned, and to that extent it must be regarded as overriding the general provision contained in article 175 of the Code of Organisation and Civil Procedure (rendered applicable to acts filed before a Court of Criminal Justice by virtue of article 520(1)(c) of the Criminal Code), including sub-article (2) thereof which states: “Any court of appellate jurisdiction may also order or permit, at any time until judgment is delivered, the correction of any mistake in the application by which the appeal is entered or in the answer, including any mistake in the indication of the court which delivered the decision appealed from, in the name or character of the parties, or in the date of the judgment appealed from” (emphasis added). Clearly what is null by express provision of the law – article 419 of the Criminal Code – cannot be rectified by invoking article 175 of Chapter 12. Thus one cannot invoke article 175 when the “brief statement of the facts” are left out, or when the “grounds of the appeal” are omitted from the application of appeal, or when the demand for reversal or variation is left out. Likewise, if the demand should have been for the variation of the judgment and instead the reversal of the judgment is requested – which amounts to the total absence of the appropriate demand – no correction can be effected under the said article 175. Similarly no new grounds of appeal may be added by invoking article 175, as this would clearly change the substance of the appeal and of the reply thereto on the merits (article 175(1)).”*

Jidher ghalhekk *prima facie li* jista’ jkun hemm divergenza bejn dak li qed jirritjenu l-Qorti Kostituzzjonali w din il-Qorti diversament preseduta w mill-banda l-ohra s-sentenzi tal-

Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ghalihom ghamlu referenza l-appellanti.

F'kull kaz ladarba issa l-kwistjoni qed tigi mpostata fuq binarju Kostituzzjonali w tad-Drittijiet Fundamentali, din il-Qorti, sakemm ma tiddecidiex li l-kwistjoni hekk sollevata mill-appellanti hija frivola jew vessatorja, ma hix kompetenti li tiddeciedi tali sottomissjoni.

Illi din il-Qorti ma tarax li l-kwistjoni sollevata mill-appellanti hija wahda frivola jew vessatorja.

Konsegwentement, filwaqt li tastjeni li tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba tar-rikorrenti f'dan l-istadju, ghaliex kull decizjoni hekk mitluba tkun prematura, jidher li l-aktar triq prudenti ghal din il-Qorti hija li tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti w tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza li kellha tinghata llum u tikkoncedi lill-appellanti gimgha zmien biex jistitwixxu kawza kostituzzjonali quddiem il-Qorti kompetenti fejn iressqu l-ilment minnhom issa sollevat.

L-appelli ghalhekk qed jigu differiti *"sine die"* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' din il-kawza kostituzzjonali, b'dana li jekk din il-kawza ma ssirx fi zmien gimgha mil-lum, l-appelli jigu rikjamati ghas-sentenza minufih.

Inoltre l-Qorti tordna li ghandha tigi pprezentata kopja tar-rikors kostituzzjonali b'nota mill-appellanti appena dan jigi intavolat u l-Avukat Generali ghandu b'noti jesebixxi kopji tal-verbali tas-seduti tal-istess kawza kostituzzjonali wara kull udjenza li ssir quddiem il-Qorti kompetenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------